MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2008

Numru 1254/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Alexander Grech**
**V**

**CARMELO BONNICI**
**BENEDETTO BONNICI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **CARMELO BONNICI** ta' wiehed u tletin sena bin il-mejjet Joseph u Antonia nee Farrugia, imwieled Pieta nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Novembru 1977 u residenti 234A, Triq Sammat, Hal Tarxien, detentur tal-karta ta' l-identita numru 12078M u **BENEDETTO BONNICI** ta' tmienja w ghoxrin sena bin il-mejjet Joseph u Antonia nee Farrugia, imwieled Pieta nhar t-tnax ta' Marzu 1980 u residenti 234, Triq Sammat, Hal Tarxien, detentur tal-karta tal-identita numru 187880M gew imressqa quddiemha nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2008 akkuzati talli:

1. nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Dicembru 2008, ghal haba ta’ nofsinhar neqsin kwart, waqt li kienu fi Triq Tal Barrani, kantuniera ma Triq il-Palma, Hal Tarxien, ikkommettew serq ta’ ghodda w apparat iehor li jintuza fix-xoghol ta’ kostruzzjoni, ghal valur ta’ izjed minn mitt lira maltin minn go sit li ghadu fi stat ta’ kostruzzjoni, u li jinsab fl-istess triq ghad-dannu ta’ Alison Fenech minn B’Bugia, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur;

2. Talli saru wkoll recidivi b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-fedina penali tal-imputati, dokument rigwardanti l-identita tal-imputati, l-okkorrenza relattiva, l-istqarrija taz-zewg imputati rilaxxjata nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Dicembru 2008 kif wkoll ricevuta tal-oggetti maqbuda mill-pulizija.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' llum, t-tnejn w ghoxrin ta’ Dicembru 2008, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputati u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputati wiegbu li huma hatja din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk iridu jerġghu lura minnha u kien wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputati, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssibhom kollha hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Semghet ukoll lil ll-prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputati kkorroboraw maghha tul l-investigazzjoni kollha u kien bl-ghajnuna taghhom li r-res furtiva giet ritrovata u b’hekk s-socjeta ma sofriet ebda danni materjali.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammissjoni bikrija tal-imputati sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali mhux daqstant netta taz-zewg imputati, minn fejn jirrizulta li l-imputat Carmelo Bonnici ghandu mhux inqas minn tmien reati registrati fuqha fejn inghata multi u sentenzi sospizi, filwaqt li l-imputat Benedetto Bonnici ghandu mhux inqas minn hames reati registrata fuq il-fedina penali tieghu fejn kien inghata multi, perjodu ta' habs, u sentenza sospiza w ghaldaqstant m'ghandhomx zgur jigu trattati bhalikieku huma *first time offenders* u stante l-passat difficili taghhom, din il-Qorti ser timponi pieni karcerarji differenti;

3. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputati mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz tant li bl-ghajnuna tal-istess imputati r-res furtiva giet ritrovata u b'hekk s-socjeta ma sofriet ebda danni materjali.

**Ghalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikoli 261(c), 267, 49, 50, 289 u 279(a) al-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lil imputati CARMELO BONNICI u BENEDETTO BONNICI hatja tal-akkuzi kollha kif minnhom ammessi u tiddecidi li tikkundanna lil imputat CARMELO BONNICI ghal perjodu ta' disgha (9) xhur prigunerija effettivi u lil imputat BENEDETTO BONNICI ghal perjodu ta' hames (5) xhur prigunerija effettivi.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------